# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-13 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 24/2021**

**DR. GRAZIELLA BEZZINA**
**GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TAS-SOCJETA ESTERA SCHMIDT &SCHMIDT OHG (HRA 12983)**
**IN FORZA TA' PROKURA SPECJALI DATATA 13 TA' LULJU 2020**
**(ID 367174M)**

***VERSUS***

**WHITE BRIDGE LIMITED**
**(C 58859)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-28 ta' Jannar 2021 is-socjeta estera talbet lis-socjeta konvenuta l-hlas ta' l-ammont ta' hames mija u disghin Ewro (Eur 590.00) in konnessjoni ma' servizzi li gew ipprestati mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu tas-socjeta intimata konsistenti fi thejjija ta' dokumenti u certifikati kif jidher mill-fattura datata 19 ta' Dicembru 2019. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju 2020.

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tas-socjeta konvenuta, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Illi s-socjeta konvenuta giet notifikata permezz tal-pubblikazjoni fil-gazzetta tal-gvern fis-7 ta' Marzu 2022 (Fol.24) u f'gazzetta lokali fit-23 ta' Marzu 2022 (Fol.36). Illi saret ukoll procedura ta' l-affissjoni fit-30 ta' Marzu 2022 fl-Ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali kif ukoll ma' l-indirizz indikat (Fol 37).

Ra illi wara li s-socjeta konvenuta giet notifikata permezz tal-proceduri imsemmija, hija la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi hadd ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema x-xhieda ta' Dr.Graziella Bezzina bhala mandatarja tas-socjeta attrici estera fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2022 fejn ikkonfermat illi l-ammont mitlub ghadu dovut u dan minkejja diversi interpellanzi lis-socjeta konvenuta sabiex isir il-hlas a bazi tad-dokumentiipprezentati a fol. 3.

Ra illi Dr. Graziella Bezzina bhala mandatarja tas-socjeta estera u rapprezentant legali iddikjarat illi m ghandiex iktar provi.

Ra l-atti processwali kollha u li din it-Talba thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2022 is-socjeta konvenuta kienet giet debitament notifikata bl-atti processwali izda minkejja dan, is-socjeta konvenut baqghet ma ressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.

Illi il-konferma bil-gurament min-naha tas-socjeta attrici tramite Dr. Graziella Bezzina bhala mandatarja ta' l-istess socjeta, tat-18 ta' Novembru 2022 illi l-ammont mitlub ghadu dovut u tenut kont tad-dokumenti ipprezentati u konfermati mill-istess mandatarja, din ghandha titqies bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tas-socjeta konvenuta izda kontestazzjoni ta’ l-istess. Għalkemm is-socjeta konvenuta baqghet kontumaċi, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li setghet ghamlet fil-kawża u ammettiet d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta’ Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta’ min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim’ Awla fil-31 ta’ Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema’ ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta’ dak li affermat bil-gurament Dr. Graziella Bezzina ghan-nom tas-socjeta attrici.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f’dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta’ hames mija u disghin Ewro (Eur 590.00) bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-28 ta’ Jannar 2021 (stante illi l-ittra ufficcjali ma gietx prezentati fl-atti) li jibqa’ ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur